MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
NADIA H. VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 290/2013

**Easygas Malta Limited (C45789)**

**vs.**

**Asfaltar Limited (C8313)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet il-ħlas tas-somma ta' elf sitt mija u disgħa u tletin Ewro u sebgħa u għoxrin ċenteżmu (€1,639.27), mingħand is-soċjeta′ konvenuta – ammont dovut għal gas mibjugħ u kkonsenjat f'diversi okkażjonijiet mis-soċjeta` attriċi lis- soċjeta′ konvenuta.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm is-soċjeta` konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll

bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi.

Ra illi s-soċjeta` attriċi permezz ta' nota moqrija u ippreżentata seduta stante fl-udjenza tal-11 ta' Ġunju 2013, ċediet is-sorte stante pagament fil-mori tal-kawża, iżda żammet ferm il-kap tal-ispejjeż;

Ra illi s-soċjeta` konvenuta, minkejja li debitament notifikata, ma dehritx għas-seduta li nżammet quddiem it-Tribunal fil-11 ta' Ġunju 2013 fejn ġie ppreżentat Kapitolu mis-soċjeta` attriċi għas-subizzjoni tas-soċjeta` konvenuta rigward il-kap tal-ispejjeż.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi rigward il-kap tal-ispejjeż u l-fatt li s-soċjeta` konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-mertu stante illi dana ġie ċedut, jikkundanna lis-soċjeta` konvenuta tħallas lis-soċjeta` attriċi l-ispejjeż tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------